**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# IT-TMIEN LEGISLATURA

## Laqgha Numru 38

**29 ta' April 2022**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.**

**PREZENTI:**

**Max Zammit - Sindku**
**Ronald Portelli – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOGIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
**Oriana Calleja – Vici Sindku**

**UFFICCJAL PREZENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Ezekuttiv**

## Minuti

Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgha.

## 38.1 Qari ta' ittri ta' apologiji;

38.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qrat l-ittra ta' apologija tal- Vici Sindku li ma settatx tattendi ghal-laqgha minhabba raguni ta' safar.

## 38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

38.2.1 Ma kienx hemm.

## 38.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

38.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti, dokumenti li kienu ccirkulati u li ttiehdu bhala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Ronnie Portelli ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Eugenio Muscat issekonda.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

## 38.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

38.4.1 Is-Sindku Max Zammit qal li wara diskussjoni interna, s-Segretarju Ezekuttiv infurmatu li l-*Council Assistant* Matthew Zammit nistghu ntellawh Skala 16 *Notch* 7. B'hekk ikun qed jaqla kwazi daqs il-*part timer*. Ghaldaqstant is-Sindku propona li peress li x-xoghol drah sewwa u jiehu hafna interess f'xoghlu, ghandna ntellawh *Notch* 7. Huwa rega spjega lill-Kunsilliera li l-Kunsill ma setax ihalsu daqs il-*part timer* minhabba li huwa ma ghandux kwalifiki ghal Skala 15.

Il-Kunsilliera Eugenio Muscat u Ronald Portelli qalu li huma jaqblu li s-Sur Zammit ghax huwa habriki u responsabli f'xoghlu.

Il-Kunsill qabel unanimament.

38.4.2 Is-Sindku Max Zammit xtaq jiddiskuti l-applikazzjoni tal-Planning Authority numru 00680/22 ghal izvilupp li se jsir fil-Gnien tal-Ewropa. Huwa fakkar li kien talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex naghmlu laqgha mal-Ministru Aaron Farrugia u ghadhom ma tawiex appuntament, izda ikkuntatjah s-Sur Mark Vella Bonnici li huwa membru mis-Segretarjat mill-ufficju tal-Ministru Aaron Farrugia. Is-Sur Vella Bonnici spjegalu li ghadhom qed jiehdu *handover* u rridu jikkonsultaw mat-Transport Malta.

Is-Sindku qal li huwa gie infurmat li Transport Malta selfet din l-art lill-operatur privat ghal tul ta' snin, ghaldaqstant dan huwa progett privat izda l-applikazzjoni kellha tinhareg fuq Transport Malta minhabba li l-art hija taghhom. Is-Sindku qal li huwa baqa mas-Sur Vella

Bonnici li se jissetja data ghal-laqgha li qed nitolbu biex inkunu nafu ezatt il-progett. Is-Sindku qal li ghalissa ghada lanqas twehlet in-*notice on site,* ghalura, ahna xorta wahda ma nistghux naghddu l-kumenti taghna.

Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li huwa important hafna li ghandna naraw li din il-laqgha issir malajr kemm jistajkun u naraw li ma jaghddiex iz-zmien li nkunu nistghu naghmlu oggezzjoni, hekk dejjem ikun hemm bzonn.

## 38.5 *Connecting Through Culture Event*;

38.5.1 Is-Sindku Max Zammit qal li fl-applikazzjoni konna nizzilna li se naghmluha is-Sibt, fl-ahhar weekend ta' Lulju u flimkien il-Gimgha 29 ta' Lulju ssir Jum Ta' Xbiex.

Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qallet li ghandna nibdew billi nibghatulhom l-ittra li nibghatulhom kull darba li ghamilna l-attivita' u wara naghmlu laqgha mal-Ambaxxati li jkunu interressati li jiehdu sehem fl-attivita'.

Il-Kunsill qabel.

38.5.2 Is-Sindku qal li din is-sena ghandna €10,000 fondi ta' skema li konna hadna mid-DLG. Igifieri din is-sena nistghu ntellaw attivita' hafna isbah, iktar professjonali u artisti iktar famuzi.

Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti u s-Sindku Max Zammit qablu li l-improtanti hija li l-artisti Maltin ghandhom ikantaw bil-Malti jew jaghmlu xi haga Maltija.

## 38.6 *The Notebook Centre Agreement*;

38.6.1 Is-Sindku qal li konna ghamilna kuntratt ma *The Notebook Centre* li jinsab gewwa San Gwann biex kull resident li ghandu xi hsara fil-kompjuter, *viruses* etc, huma jmorru ghandu u jsewwu b'xejn. Is-Sindku qal li s-Segretarju Ezekuttiv qaltlu li f'sena marru il-fuq minn tlett miet resident. Ghaldaqstant huwa jahseb li peress li kien hemm numru kbir ta' resident li hadu dan is-servizz qed jissuggerrixxi li nergu ngedduh.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li jaqbel izda important li jibda jipprovdilna l-lista tar-residenti li jkunu hadu dan is-servizz min ghandu,

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 38.7 *Horizon Europe Funds – Urban Heat Island Project*;

38.7.1 Is-Sindku Max Zammit spjega li din hija inizjattiva ibazzata fuq studju li tispjega ahjar il-mod, kif kull lokalita' fi hdan ir-Regjun, nistghu nibzaw ghal-energija.

Huwa infurma lill-Kunsill li hekk ahna interessati kull ma rridu, ninfurmaw lir-Regjun Lvant, biex huma jkunu jistghu japplikaw ghall- *Horizon Europe Funds* u dan il-progett jigi mhallas kollu minn dawn il-fondi.

Il-Kunsill qabel.

**38.8**

38.8.1 ***LifeLong Learning;***

Is-Sindku qal li rcevejna l-lista tal-korsijiet li *LifeLong Learning* se jiprovdu s-sena diehla. Huwa saqsa lill-Kunsilliera hekk jixtiequx japplikaw ghal xi kors iehor apparti l-kors tal-*crochet.*

Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li jixtieq li napplikaw ghal tal-*ismart phones* u xtaq li nikkunsidraw li nipprovdulhom il-kamra.

38.8.2

Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku issuggerrixxa li peress li l-komunita' barranija gewwa Ta' Xbiex qed tikber huwa tajjeb li nikkunsidraw li napplikaw ukoll ghal kors biex jitghalmu l-Malti.

Il-Kunsill qabel izda ninfurmawhom li l-Kunsill jixtieq li dan il-kors ssir biss hekk ikun hemm minn japplika minn Ta' Xbiex.

**38.9**

Il-Kunsill qabel.

38.9.1 **Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li l-Assitent Ufficjal Principali Anna Micallef faddalla sena u nofs jew sentejn biex tohrog bil-pensjoni. Ghaldaqstant l-Kunsill ghandu jaghtieha *promotion* biex tkun tista tavvanza fil-pensjoni.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li s-Sinjura Anna Micallef diga qeda Skala 11 *Notch* 7, biex intellawa Skala 10 trid taghmel hames snin Skala 11 u s-Sinjura Micallef ghada ma ghalqithomx il-hames snin.

Il-Kunsill qabel li s-Sinjura Anna Micallef ghandha ticcekja mal-*Human Resources* u hekk hemm mod kif nistghu ntellawa Skala tinfurmana.

**38.10**

38.8.1 **Items ohra ta' xoghol iehor tal-Kunsill Lokali li jkunu mehtiega;**

Ma kienx hemm.

**38.11**

38.11.1 **Rapporti mill-Kunsilliera;**

Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li l-bankina ta' Triq Principessa Margerita hemm bzonn li tittranga minhabba li hemm soft areas fuq il-bankina wisq fit-tarf u m'hemmx bizejjed spazju biex tpoggi saqajk, int u hiereg mil-karozza. Huwa qal li jixtieq li tittranga ghax tant kemm qeda perikoluza li jaf minn waqa u ghamel xi punti.

Is-Sindku Max Zammit qallu li meta jintrebah it-*tender* tal-bankini li se nohorgu fil-jiem li gejjien, ghandna nitolbu lill-Kuntrattur kwotazzjoni ta' dawn ix-xoghlijiet msemmija.

Is-Sindku qal ukoll li qabel ma mmissu l-bankina nistghu ukoll naraw hekk hux possibli nwessaw naqa l-parking biex ikunu iktar komdi biex johorgu mill-karozza.

Il-Kunsillier Ronnie Portelli qal li nistghu nippruvaw ukoll billi, il-haddiema tal-Kunsill jaghmlu kurduna ohra iktar il-gewwa u bejn il-kurduni naghmlu l-konkos.

38.11.2 Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kunsillier Ronnie Portelli u se nibdew billi naqilaw bicca u hekk tigi pulita ssir tull it-triq kollha.

Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li tixtieq tigbed l-attenzjoni li ghandna naghtu kas il-kuntrattur li jiehu hsieb iz-zbir ta' sigar minhabba li s-sigra ta' hdejn Blk F1 giet ittrimjata vera kerha u gabuha fix-xejn u qed tara li mhux qed jissaqqa u jdumu ma jigu biex idduru s-soft areas.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li din is-sigra kellu jsir it-*trimming* minhabba li kienet qed tmiss mal-*wires* tad-dawl izda meta qatawla din giet fix-xejn. Hija qalet ukoll li qed ikollha tigri hafna wara l-kuntrattur biex jsaqqi u jew ddur is-*soft areas* u jittrimja s-sigar. Hija infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt tieghu se jiskadi f'Awwissu li gej.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat ikkonferma li kemm il-darba cempilnilu u xorta wahda mhux qed jaghti servizz professjonali.

Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti ippropponiet li ghandna jew niktbulu ittra bil-miktub li l-Kunsill m'huwiex kuntent bix-xoghol li qed ssir jew nohorgulu *default notice*.

Is-Segretarju qalet li kemm il-darba wissiet lill-istess kuntrattur. Ghaldaqstant is-Sindku qal lis-Segretarji Eżekuttiv li huwa importanti li r-rapporti isiru bil-miktub jew b'email.

**38.12** Il-Kunsill qabel unanimament.

## Tmiem tal-laqgha u data tas-Seduta li jmiss;

Il-laqgha li jmiss ha ssir il-Gimgha 20 ta' Mejju, 2022 fil- hamsa u nofs ta' filghaxija.

Il-laqgha intemmet fit-tminja ta' filghaxija

Konfermati llum l-Gimgha 29 t' April, 2022.

| | |
|---|---|
| Max Zammit | Yasmine Tonna |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |